**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru 273/2018 RM**

**Irene Catania (K.I. 982849M)**

**-Vs-**

**Saviour sive Silvio Azzopardi (K.I. 25666M) u Shirley Coppola (K.I. 316873M) li ġiet kjamata fil-kawża b'digriet tat-13 ta' April 2020**

**Illum, 7 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-attriċi Irene Catania (KI 982849) residenti Block 2, house 1, Trejqet Antoine de Favray, Pembroke, fir-Reġistru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Novembru 2018 fejn talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut tħallas lill-istess attriċi l-ammont ta' ghaxart elef ewro (€10,000), rapprezentanti ammont bilancjali illi kien gie misluf lilu minnha fi Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013), fir-rigward ta' liema hu dejjem ipprometta restituzzjoni izda ghadu sal-lum il-guranta inadempjenti.

Rat ir-Risposta ippreżentata mill-konvenut Saviour sive Silvio Azzopardi fl-10 ta' Jannar 2019 fejn ġie eċċepit:-

1. *Illi in linea preliminari n-nuqqas tal-locus standi iudicio tar-rikorrenti fl-assenza tal-inkluzjoni ta' zewgha Catania Louis.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghal suespost it-talbiet attrici in kwandu diretti lejn l-eccipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huwa mhux debitur tar-rikorrenti fl-ebda ammont.*

3. *Illi l-istess allegata somma mitluba tinsab fil-pussess ta' certa Coppola Shirley (KI 316873M) u ghaldaqstant l-intimat qed jitlob formalment il-kjamata in kawza tal-istess Coppola Shirley.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghal suespost jigi relevat li l-intimat u l-mitluba kjamata fil-kawza kienu sselfu s-somma ta' erbatax -il elf (€14,000) ewro u somma ohra bilancjali mehuda minn bank kummercjali lokali sabiex ikunu f'posizzjoni li jixtru garaxx li effettivament sar b'kuntratt fl-atti tar-Nutar Dr. Fiona Zammit Arrmeni 25 ta' Novembru 2014.*

5. *Illi l-istess intimat hallas wahdu s-somma ta' erba t'elef (4,000) ewro kif imhallsin f'pagamenti ta' elf u hames mitt ewro (1,500), elf u hames mitt ewro (1,500) u elf ewro (1,000) oltre l-pagamenti maghmulha mensilment mill-istess bank kreditur.*

6. *Illi l-istess intimat ghadda s-somma ta' ghaxar t'elef (10,000) ewro lil kjamata fil-kawza. Jidher ghalhekk illi l-kjamata ma ghamlet ebda pagament lir-rikorrenti u jew lil bank kreditur.*

7. *Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u kjamata fil-kawza jew min minnhom li huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' April 2020 fejn ordnat li tiġi msejħa fil-kawża Shirley Coppola;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jiddikjaraw li mhux sejrin jagħmlu trattazzjoni finali tal-kawża u semgħethom jiddikjaraw ukoll li l-kawża tista' tibqa' differita biex tingħata s-sentenza ;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza ġiet imħollija għal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija kawża għall-ħlas ta' bilanċ dovut fuq self ta' flus.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u l-provi jirriżulta li l-attriċi wirtet is-somma ta' €13,000 fi flus bħala waħda mill-eredi ta' huha li miet f'Ottbru 2012. Hi talbet lil bintha Shirely Coppola, l-imsejħa fil-kawża, biex tiddepożita l-flus f'kont bankarju tagħha billi ma riditx tiddepożitahom f'kont flimkien ma' żewġha u lanqas riedet iżżomm flus kontanti fid-dar. Il-konvenut u l-kjamata fil-kawża, Shirley Coppola, kienu f'relazzjoni għal diversi snin. Matul din ir-relazzjoni, huma xtraw flimkien garaxx ġewwa San Pawl il-Baħar għall-prezz ta' €46,587.47 permezz ta' kuntratt ippubblikat fil-25 ta' Novembru 2014[1] u ffinanzjaw parti mill-prezz tal-akkwist b'self bankarju fis-somma ta' €41,928. Din ir-relazzjoni spiċċat u huma ftiemhu li l-konvenut jakkwista s-sehem ta' nofs indiviż tal-kjamata fil-kawża f'dan il-garaxx bil-prezz ta' €10,000. Mill-provi jirriżulta li effettivament, il-konvenut u Shirley Coppola kienu akkwistaw il-garaxx in kwistjoni flimkien f'ismha ta' nofs indiviż kull wieħed permezz ta' kuntratt ta' mutwu u bejgħ li permezz tiegħu il-Bank silifhom ukoll *in*

[1] Fol. 44 *et seq*.

*solidum* bejniethom is-somma ta' €41,928 bħala parti mill-prezz tal-garaxx. Dwar dan kollu m'hemmx kontestazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-imsejħa fil-kawża Shirley Coppola ma ppreżentatx risposta għar-Rikors promotur iżda kif inhuwa risaput, in-nuqqas ta' risposta formali ma jikkostitwixxix ammissjoni u ma għandhiex titqies bħala tali. Kemm hu hekk, f'din il-kawża l-imsejħa fil-kawża meta xehdet in subizzjoni, ċaħdet bla tlaqliq li hija silfet xi flus mingħand ommha, inkluż għall-akkwist tal-garaxx.

Illi in linea preliminari, il-konvenut jeċċepixxi n-nuqqas ta' *locus standi* in ġudizzju da parti tal-attriċi fl-assenza tal-parteċipazzjoni ta' żewġha Louis Catania bħala ko-imħarrek il-kawża. Il-Qorti fehmet li din hija eċċezzjoni tal-illeġitimita' tal-attriċi a tenur tal-Artikolu 780 tal-Kap. 12 li jipprovdi:-

"*L-eċċezzjoni dwar l-illeġittimità tal-attur jew tal-konvenut tista' tingħata, meta l-wieħed jew l-ieħor huwa inkapaċi skont il-liġi biex joqgħod f'kawża, inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor, mingħajr ma jkun awtorizzat skont il-liġi għaldaqshekk.*"

L-akkoljiment ta' eċċezzjoni bħal din, f'każ li kellu jirriżulta li l-attriċi hi inkapaċi li toqgħod f'kawża, iwassal għan-nullita' tar-Rikors promotur. Iżda l-Qorti bla tlaqliq tqis din l-eċċezzjoni bħala waħda infondata li tirrażenta l-fieragħ.

Hu risaput li fil-liġi Maltija hemm presunzjoni tal-eżistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn żewg persuni miżżewġin Malta u l-eżistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-attriċi u żewġha Louis Catania f'dan il-każ, ifisser ukoll, neċessarjament, illi atti tal-amministrazzjoni ordinarja tal-komunjoni tal-akkwisti jistgħu jsiru minn konjuġi wieħed mingħajr il-partecipazzjoni tal-konjugi l-iehor u dawn jorbtu lill-komunjoni

tal-akkwisti. Il-Qorti hi tal-fehma li s-self *brevi manu* ta' flus kontanti magħmul mill-attriċi lill-konvenut jew lil terzi huwa att ta' amministrazzjoni ordinarja, anke ghaliex evidentement, dan l-att ma jikkonfigura fl-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1322(3) tal-Kap. 16 li jelenka b'mod kategoriku l-atti ta' amministrazzjoni tal-akkwisti li jeħtieġu l-kunsens taż-żewġ konjuġi flimkien.

Tqis ukoll li kien jispetta lill-konvenut jipprova li l-presunzjoni dwar l-eżistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ma tapplikax f'dan il-każ bejn l-attriċi u żewġha. Iżda dan qatt ma sar, u l-Qorti sejra ghalhekk tqis illi bejn l-attriċi Irene Catania u żewġha Louis Catania, kien hemm eżistenti fiz-zmien li sar is-self brevi manu mertu ta' dan il-każ, ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti u li b'hekk isibu riskontru l-effetti kollha li din iġġib magħha.

Fi kwalsiasi każ, mix-xhieda mhux kontradetta tal-attriċi u Shirley Coppola, jirriżulta li l-flus li l-attriċi silfet lill-konvenut kienu flus provenjenti mis-suċċessjoni ta' ħu l-istess attriċi. L-Artikolu 1334(1) tal-Kap. 16 li jipprovdi illi meta l-komunjoni tal-akkwisti tkun teżisti bejn il-miżżewġin, il-beni kollha li ma jaqgħux taħt l-Artikolu 1320(a) sa (f) tal-Kap. 16, huma parafernali. Il-beni akkwistati minn wieħed mill-konjuġi minn wirt jew suċċessjoni evidentement ma jikkonfiguraw imkien fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1334(1) tal-Kap. 16 u b'hekk, ma jidħlux fil-komunjoni tal-akkwisti iżda minflok, jifformaw parti mill-ġid parafernali ta' dak il-konjuġi. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1334(2) tal-Kap. 16, is-setgħa tal-amministrazzjoni tal-beni li huma parafernali hi esklussivament f'idejn dik il-parti fiż-żwieġ li tagħha jkunu l-beni u fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis li l-attriċi kellha s-setgħa tamministra l-flus li akkwistat mis-suċċessjoni ta' ħuha waħehda mingħajr il-parteċipazzjoni ta' żewġha.

Għaldaqstant, jirriżulta li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hija assolutament nieqsa minn fondament legali u qed tigi respinta.

Ikkunsidrat;

Il-verżjoni tal-attriċi hi li xi jumejn wara li għaddiet il-flus kontanti li wirtet mingħand ħuha, lil bintha, il-konvenut talabha biex tislifhomlu għaliex kellu bżonnhom għal biċċa xogħol. Meta l-attriċi saqsietu kif kien jaf bil-flus, hu qalilha li ra lil Shirley tpoġġi l-flus fil-komodina sakemm tmur bihom il-bank biex tiddepożitahom fil-kont tagħha. Il-konvenut ma fissrilhiex ir-raġuni preċiża għaliex kellu bżonn il-flus u l-attriċi qalet li ma saqsitux peress li hu bniedem ta' ftit kliem; iżda kien wegħdha li jħallasha lura. Ikkonfermat li siflet dan il-flus lill-konvenut fl-2013. Iżda wara li għaddew tliet snin u l-konvenut kien għadu ma ħallasha xejn, avviċinatu u talbitu jgħaddilha pagament. Fil-11 ta' Frar 2017 il-konvenut ħallasha s-somma ta' €1,500 u hi talbitu jiffirma li kien fadal bilanċ ta' €11,500. L-attriċi xehdet li l-konvenut aċċetta li jiffirma l-karta mingħajr problema[2] u fl-ebda waqt ma semma lil Shirley. Ikkonfermat ukoll li wara li reġgħet talbitu jħallas il-bilanċ dovut, il-konvenut għamel pagament ieħor fis-somma ta' €1,500 u bejniethom qablu li kien fadallu jħallasha bilanċ ta' €10,000 skont kif ġie mniżżel fuq l-istess karta. Dak iż-żmien ir-relazzjoni bejn il-konvenut u bintha kienet waslet fl-aħħar. L-attriċi kkonfermat illi l-konvenut baqa' ma ħallas xejn iktar u s-somma ta' €10,000 pretiż minnha f'din il-kawża għadha dovuta minnu.

Din il-verżjoni hi korroborata mix-xhieda ta' Shirely Coppola, li sussegwentement, ġiet imsejħa fil-kawża fuq talba tal-konvenut. Shirely Coppola affermat illi ommha wirtet somma flus bħala eredi ta' ħuha Ronald Hughes, f'Ottubru 2012 u kienet talbitha tiddepożita dawn il-flus fil-kont bankarju personali tagħha biex ma jidħlux f'kont li jgħajjat ukoll lil missierha, għaliex ommha kienet tibża' li jberbaqhomlha. Hi aċċettat li tagħmel dan u qablu li l-flus jiġu depożitati f'kont bankarju personali tagħha. Xehdet ukoll li meta l-konvenut ra l-flus fil-kamra tas-sodda qabel laħqet iddepożitathom fil-bank u spjegatlu li dawk kienu ta' ommha, hu qalilha li kien ser jitlob lil ommha biex tislifhomlu għal biċċa xogħol li kellu u li kien ser jirranġa hu stess ma' ommha mingħajr ma kellha tiġi involuta. Shirley Coppola tiċħad illi dawn

[2] Ara Dok. A fol. 31.

il-flus ġew mislufa liha jew kienu użati għal xi ħaġa li fiha kienet involuta hi jew li kellha x'taqsam magħha. Ikkonfermat ukoll li ommha kienet qaltilha li silfet il-flus lil Saviour Azzopardi iżda li ma kienx daħal f'dettal dwar ir-raġuni għaliex kellu bżonnhom. Meta xehdet quddiem il-Qorti, Shirley Coppola ċaħdet li l-konvenut kien ħallasha s-somma ta' €10,000 biex tgħaddihom lil ommha. Qalet ukoll li meta li r-relazzjoni tagħhom spiċċat u reġgħet marret tgħix għand ommha[3], il-konvenut waqqaf ir-ripagamenti tas-self bankarju li kienu ħadu biex jixtru l-garaxx u ma baqax iħallas lil ommha.

Da parti tiegħu, il-konvenut ma jiċħadx li l-attriċi silfitu s-somma ta' madwar €14,000 u ma jiċħadx lanqas li dan il-flus l-attriċi silfithom fl-2013[4], iżda jikkontendi illi l-imsejħa fil-kawża għandha tagħmel tajjeb ukoll flimkien miegħu għar-ripagament tas-self lill-attriċi. Hu jorbot is-self ta' dan il-flus mal-akkwist f'ismu u f'isem Shirley Coppola ta' garaxx ġewwa San Pawl il-Baħar u jsostni illi dan is-self sar lilhom konġuntivament biex jistgħu jixtru dan il-garaxx b'żieda mas-self bankarju li kienu ħadu fis-somma ta' €40,000 biex jiffinanzjaw dan l-akkwist.

Il-konvenut xehed: "*Ommha aċċettat li ssellef is-somma ta' bejn disgħa u għaxart eleft Euro (9,000 – 10,000) sabiex inkunu nistgħu nakkwistaw dan il-garaxx. Sussegwentement, ommha ssellef lilna s-somma ta' erbat elef Euro (4,000) u b'hekk it-total tas-self kien fl-ammont ta' madwar erbatax-il elf ewro (14,000).*"[5]

Il-konvenut jaqbel ukoll illi kien ħallas lill-attriċi ż-żewġ ripagamenti fis-somma ta' €1,500 kull wieħed li l-attriċi xehdet dwarhom fid-depożizzjoni tagħha u jirrikonoxxi wkoll li huwa kien ingħata riċevuta għal dawn il-ħlasijiet. Jikkontendi iżda, li kien ħallas ukoll lill-attriċi pagament ieħor f'kontanti fis-somma ta' €1,000 għalhekk ħallas b'kollox €4,000 mill-ammont misluf mill-attriċi, iżda ma ngħatax riċevuta għal dan il-ħlas. Il-konvenut isostni wkoll li ir-ripagamenti mensili tas-self bankarju dejjem

---

[3] Kontro-ezami ta' Shirely Coppola 1 ta' Novembru 2021.

[4] Il-konvenut ma jsemmi xejn dwar iż-żmien meta sar dan is-self.

[5] Affidavit tal-konvenut, fol. 38 *et seq*.

ħallashom hu waħdu iżda Shirley Coppola qatt ma ħallset xejn, la lill-Bank u lanqas lil ommha l-attriċi għall-ammonti li huma ssellfu biex jixtru l-garaxx. Qal ukoll illi għalkemm huma ftiemhu li jakkwista sehemha fil-garaxx għall-prezz ta' €10,000, il-kuntratt ta' trasferiment baqa' ma sarx.

Ikkunsidrat;

Il-partijiet jagħtu verżjonijiet kontradittorji dwar ir-raġuni li għaliha sar is-self u lil min ġew mislufa l-flus. Il-Qorti tqis illi d-determinazzjoni dwar liema minn dawn il-verżjonijiet għandha tingħata kredibbilita' hija fondamentali għar-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza.

In materja ta' kunflitt fil-verżjonijiet li jagħtu l-partijiet fil-kawża, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**:-

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (**Kollez. Vol L pII p440**)."*

Inghad ukoll hekk in propositu fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak**[6]:-

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

Il-Qorti fliet l-atti u l-provi. Hija fehmet illi r-rifjut tal-konvenut li jħallas lill-attriċi waħdu u l-kontenzjoni li dan il-flus ġie misluf kemm lilu kif ukoll lil Shirely Coppola, huwa fondamentalment marbut mal-fatt illi kienu huma flimkien li ssellfu mill-bank biex jiffinanzjaw ix-xiri tal-garaxx li ġie akkwistat minnhom f'isimhom it-tnejn. Hu wkoll evidenti li l-konvenut m'huwa sodisfatt xejn la bil-fatt illi kien hu li dejjem ħareġ il-flus biex jitħallsu r-ripagamenti mensili lill-Bank minkejja li Shirley Coppola wkoll hi ko-debitrċi, u wisq inqas bil-fatt li filwaqt illi hu ħallasha l-prezz ta' €10,000 għall-akkwist ta' sehemha fil-garaxx, sal-lum l-imsejħa fil-kawża għadha s-sid tan-nofs indiviż ta' dan il-garaxx.

Hawnhekk il-Qorti tosserva illi l-verżjoni tal-konvenut fl-Affidavit tiegħu tikkozza manifestament ma' dak li ġie eċċepit minnu fis-sitt eċċezzjoni fir-Risposta tiegħu fejn

[6] Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 2003.

huwa jsostni li kien għadda s-somma ta' €10,000 lill-imsejħa fil-kawża bl-intiża li hija tħallas lill-attriċi kif ukoll lill-Bank kreditur.

Il-Qorti tosserva wkoll li għalkemm fix-xhieda ġuramentata tiegħu il-konvenut jinsisti li l-flus issellfu mingħand l-attriċi biex jiffinanzjaw parti mill-akkwist tal-garaxx, jirriżulta mill-provi illi dan il-garaxx ġie akkwistat f'Novembru 2014 filwaqt li l-attriċi silfet il-flus fl-2013[7]. Mill-kuntratt tal-akkwist tal-garaxx jirriżulta li d-depożitu li tħallas akkont tal-prezz tal-akkwist tal-garaxx kien biss ta' €4,659.47 u minn imkien ma jirriżulta li l-konvenut u l-imsejħa fil-kawża kellhom bżonn isellfu s-somma ta' €14,000 biex jiffinanzjaw l-akkwist tal-garaxx, kif jallega l-konvenut. Jekk il-konvenut ried ifisser li l-flus issellfu mingħand l-attriċi biex jiffinanzjaw parti mir-ripagamenti mensili tas-self bankarju, dan mhux biss qatt ma qalu iżda huwa tabilħaqq eskluda dan meta xehed illi "*l-pagamenti kont inħallashom jiena biss u mhux Shirley Coppola minkejja l-fatt li Shirely Coppola iffirmat l-istess kuntrat tta' akkwist ta' dan il-garaxx.*" Kieku l-verżjoni tal-konvenut għandha mis-sewwa, il-Qorti kienet tistenna wkoll li l-konvenut, meta ġie biex iħallas lill-imsejħa fil-kawża l-prezz għall-akkwist ta' sehemha fil-garaxx in kwistjoni - u dan fi żmien meta kien jaf li l-attriċi kienet qed tesiġi r-ripagament tas-self - kien jagħmel xi xorta ta' riżerva dwar ir-ripagament tas-self tal-attriċi. *Multo magis* fid-dawl tal-insistenza tiegħu li minkejja li Shirley Coppola kienet ukoll ko-debitriċi tal-Bank, Shirely Coppola qatt ma ħallset ebda ripagamenti mensili tas-self bankarju u dejjem ħallas kollox hu.

Madanakollu, il-Qorti tosserva illi l-konvenut imkien ma asserixxa li l-imsejħa fil-kawża għandha tħallas ukoll nofs ir-ripagamenti tas-self bankarju. Il-Qorti tifhem li ġaladarba t-teżi tal-konvenut hu li l-ammont misluf mill-attriċi ġie hekk misluf mhux biss lilu iżda lilu u lil Shirley Coppola flimkien, għaliex il-garaxx akkwistawh flimkien bejniethom, allura bl-istess mod kienet tistenna li l-konvenut jinsisti għall-ħlas ta' nofs ir-ripagamenti tas-self bankarju li ġie akkwistaw biex jiffinanzjaw l-

[7] Xhieda tal-attriċi 6 ta' Frar 2020.

akkwist tal-garaxx. Iżda minflok, huwa kkonferma li "*l-pagamenti kont inħallashom jiena biss u mhux Shirley Coppola*".

Fuq kollox iżda, il-Qorti tqis li anke jekk kellha għal mument temmen il-verżjoni tal-konvenut, qajla tista' tifhem kif, minkejja li jirriżulta li kien diġa' ħallas lil Shirley Coppola l-prezz sħiħ għat-trasferiment ta' sehemha fil-garaxx u minkejja li t-trasferiment relattiv kien għadu ma sarx, in segwitu għal dan kollu l-konvenut xorta waħda ħallas waħdu żewġ pagamenti lill-attriċi akkont tas-self mingħajr ma invoka r-responsabbilita' tal-imsejħa fil-kawża għall-obbligu tar-rifużjoni jew għamel xi riżerva in kwantu għas-sehem tal-bilanċ li hu dovut minnu biss. Għall-kuntrarju, mid-dokument esebit mill-attriċi, mhux miċħud mill-konvenut, jirriżulta li huwa ħallas żewġ pagamenti lill-attriċi akkont tal-ammont misluf, fl-2017 meta evidentement ir-relazzjoni bejnu u bejn Shirley Coppola kienet spiċċat tant illi fit-8 ta' Marzu 2016 kienu diġa' ftiehmu li huwa kellu jakkwista sehemha fil-garaxx[8]. Magħdud dan il-fatt li fil-11 ta' Frar 2017, ċioe' iktar minn sena wara li kien diġa' ħallas lil Shirley Coppola l-prezz għall-akkwist ta' sehemha fil-garaxx mingħajr ma sar it-trasferiment relattiv, il-konvenut aċċetta li jiffirma d-dikjarazzjoni bil-miktub tal-attriċi dwar il-bilanċ dovut fuq is-self[9] mingħajr ma insista fuq l-indikazzjoni tal-imsejħa fil-kawża bħala ko-debitriċi tal-obbligu tar-ripagament tas-self.

Dan kollu jikkonvinċi lill-Qorti li x-xhieda tal-attriċi hija iktar verosimili minn dik tal-konvenut u li għandha għalhekk tagħti affidabbilita' lill-verżjoni tagħha li hija silfet is-somma ta' €13,000 lill-konvenut waħdu u li dan is-self mhux marbut bl-ebda mod mal-akkwist tal-garaxx. Fuq kollox il-Qorti hi konvinta li s-somma mislufa lill-konvenut kienet ta' €13,000 u li l-konvenut, fin-nuqqas ta' provi konvinċenti li juru mod ieħor, ħallas lura biss is-somma ta' €3,000. L-attriċi kienet konsistenti fix-xhieda tagħha u affermat din il-verżjoni b'mod sħiħ anke meta xehdet in kontro-eżami u l-Qorti ma għandha l-ebda riżervi biex tqis li din il-verżjoni ġiet ippruvata

[8] Ara ftehim fol. 56.

[9] Ara Dok. A, fol. 31.

sodisfaċjentement fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet. Diversament minn dik tal-konvenut li ma ġietx sorreta u lanqas konfortata bir-riżultanzi tal-provi.

Hu minnu li x-xhieda tal-konvenut ma ġietx kuntrastata permezz ta' kontro-eżami u li dan in-nuqqas naturalment jista' jinftiehem li jdgħajjef il-verżjoni tal-parti kuntrarja safejn għandhom x'jaqsmu dawk l-allegazzjonijiet li baqgħu mhux kontestati. Iżda l-Qorti ma taqbilx li n-nuqqas li jsir kontro-ezami ta' xhud jista' jsarraf *ut sic* f'ammissjoni taċita mill-parti kuntrarja tal-kontenut tad-depozizzjoni. Hawnhekk ninsabu fil-kamp tal-provi fejn l-applikazzjoni tal-principju *actor non probante reus absolvitur*, ġaladarba tkun saret il-prova, tesiġi li l-oneru tal-prova mbagħad jaqa' fuq il-parti opposta biex tressaq provi kuntrarji biex jitqiegħed fid-dubju l-prova akkwizita. Fil-każ odjern, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi fl-assjem tal-provi kollha akkwiziti, it-teżi tal-attriċi ġiet ippruvata fil-grad li tesiġi l-liġi fil-kamp ċivili bix-xhieda u l-provi li hija ressqet, u ma tqisx li n-nuqqas tal-attriċi li tikkontesta speċifikatament ix-xhieda tal-konvenut huwa biżżejjed biex inaqqas mill-kredibbilita' tal-verżjoni tal-istess attriċi u l-konvinċiment tal-Qorti li din il-verżjoni għandha mis-sewwa.

Ikkunsidrat;

Ma jirriżultax li sar xi ftehim bejn il-partijiet dwar il-ħlas tal-imgħaxijiet fuq l-ammont misluf u l-attriċi, għalkemm xehdet fl-Affidavit tagħha li hija interpellat lill-konvenut ġudizzjarjament biex iħallas is-somma reklamata minnha f'din il-kawża, ma ressqet l-ebda prova dwar din l-interpellazzjoni ġudizzjarja u ma tat l-ebda tagħrif la dwar id-data meta ġiet ippreżentata u lanqas in-numru uffiċjali tal-att relattiv. Għalhekk, applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 16, l-ewwel sejħa ġudizzjarja għall-ħlas jirriżulta li saret bil-preżentata tar-Rikors promotur ta' din il-kawża, fil-15 ta' Novembru 2018 u konsegwentement, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu proprju minn din l-imsemmija data.

**Għal dawn il-motivi taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' t-talba tal-attriċi u tikkundanna lill-konvenut SAVIOUR SIVE SILVIO AZZOPARDI jħallas lill-istess attriċi IRENE CATANIA s-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) għar-raġuni mfissra fir-Rikors promotur, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tar-Rikors promotur, 15 ta' Novembru 2018.**

**L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**